TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/179/15/S

Alexandra Gove'
Vs
Robert Tabone ezercenti l-kummerc bhala Top Choice

Illum 28 ta'Jannar, 2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Alexandra Gove' ipprezentata fid-29 ta'Settembru, 2015 u r-risposta ta' Robert Tabone ezercenti l-kummerc bhala Top Choice ipprezentata fit-28 t'Ottubru, 2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-10 ta'Dicembru, 2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda friza li wara l-kunsinna, instabet li kellha 3 toqob fil-qiegh filwaqt li gimghatejn wara x-xiri, il-bieba tal-friza ma kinitx tinghalaq sew;

Illi r-rikorrenti kkonfermat li mal-kunsinna tal-friza, hi ccekkjatha izda mhux il-qiegh;

Illi r-rikorrenti spjegat ukoll li meta l-friza giet kunsinnata mill-impjegati tal-intimat, din kienet ippakkjata bil-plastik u bicctejn 'foam' fuq il-friza filwaqt li ma kienx hemm 'jablo' mal-qiegh tal-friza izda biss kaxxa kbira tal-kartun;

Illi ghalkemm it-toqob ma jaffettwawx l-operat tal-friza, wiehed ma jistenniex li oggett gdid ikun f'dak l-istat;

Illi tenut kont tax-xhieda moghtija, hu probabbli li t-toqob kienu hemm qabel ma saret il-kunsinna;

Illi t-Tribunal ihoss li l-ilment tar-rikorrenti hu gustifikat u li t-talba taghha ghandha tintlaqa';

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti Alexandra Gove' filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' Robert Tabone ezercenti l-kummerc bhala Top Choice u Jordna lill-intimat Robert Tabone jibdel il-friza b'ohra gdida tal-istess marka u bl-istess specifikazzjonijiet u jikkunsinna l-friza l-gdida fejn tindika r-rikorrenti u dan fi zmien gimgha mill-llum, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru